Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 348/2004

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Catherine Farrugia u l-istess Catherine Farrugia u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 Atlas Insurance Limited assumiet l-atti ta' Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Karen Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ seba’ mija u sitta u hamsin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm756.53c) rapprezentanti danni subiti minnhom f’kollizjoni li sehhet fil-Marsa fit-2 ta’ Gunju, 2003 waqt li l-attrici kienet qieghda ssuq il-karozza CAT 399 u ntlaqtet mill-karozza FAD 686 misjuqa mill-konvenuta.
Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi ma tahtix ghall-incident in kwistjoni izda l-kollizjoni sehhet unikament tort ta’ l-attrici Catherine Farrugia. F’kull kaz eccepit illi t-talba hija esagerata.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 768 Silvio Brincat, Catherine Farrugia u Karen Pace.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-atturi u Dr Louis Bianchi ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-karozza FAD 686 fi Triq Aldo Moro, l-Marsa gejja mid-direzzjoni ta’ Hal Luqa u kif qabzet l-entratura tal-Marsa Sports Club il-konvenuta ssostni li xeghlet l-*indicator* biex tindika li behsiebha tikser lejn il-lemin biex iddur mar-roundabout li taghti ghall-Marsa.

Triq Aldo Moro ghandha erba’ lanes u l-konvenuta tghid li kienet fit-tielet lane - jigifieri kien hemm lane iehor ‘il barra minnha.

Hija tghid ukoll illi kif bdiet iddur mar-roundabout baqghet fl-istess linja u ma bidlitx lanes u f’daqqa wahda hasset daqqa fuq wara u l-karozza minn warajha tkaxkret mal-genb taghha u baqghet tiela’ fuq is-*central strip*.

Da parti taghha, l-attrici xehdet illi hija kienet qieghda ssuq il-vettura CAT 399 fl-istess triq li kienet miexja l-konvenuta. Kif qabzet il-Marsa Sports Club u kwazi waslet fejn ir-roundabout tal-Marsa, hija tghid li kienet fit-

tielet lane u qalet li f'daqqa wahda hasset daqqa minn warajha u xi hadd tefaghha fuq is-*central strip*. Fix-xhieda qalet li l-hsara fil-karozza taghha kienet mal-genb tal-passiggier u kellha wkoll hsara fuq wara izda l-karozza l-ohra kellha hsara mal-*bumper* ta' quddiem u anki max-xewka ta' quddiem fin-naha tad-driver. Hija affermat li kienet fit-tielet lane u li hemm lane ohra li hija r-raba' lane li hija l-lane li tiehu biex iddur mar-roundabout. Hija tghid li qabel l-incident ma ratx il-karozza l-ohra. Wara l-incident hija tkellmet mad-driver l-ohra li qaltilha li riedet iddur lejn il-Marsa.

Huma hallew il-karozzi fejn kienu sakemm gew il-pulizija.

It-Tribunal ezamina wkoll il-verzjonijiet li z-zewg sewwieqa taw lis-surgent fil-mument li nvestiga l-kollizjoni u Karen Pace tghid hekk:

"Karen Pace contended that she was driving her car FAD 686 along Aldo Moro Street, Marsa on her proper side of the road on the second lane from the roundabout with the right indicator to turn with the roundabout. Subject added that whilst she was doing so vehicle CAT 399 came from behind from her right side to overtake her vehicle to proceed to the direction of Valletta with the consequence that both vehicles collided."

Ghar-rigward ta' Catherine Farrugia li kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAT 399 is-surgent nizzel hekk:

"Catherine Farrugia contended that she was driving car CAT 399 along Aldo Moro Street, Marsa to the direction of Valletta on the third lane and all of a sudden car FAD 686 came from behind from her left and tried to turn to the direction of the roundabout with the consequence that both vehicles collided."

Dawn il-verzjonijiet jirriflettu bejn wiehed u iehor dak li xehdu z-zewg sewwieqa quddiem dan it-Tribunal izda bilfors li wahda minnhom m'hijiex qed tghid il-verita'.

Effettivament il-konvenuta meta xehdet affermat illi wara l-incident l-attrici skuzat ruhha izda mbaghad jidher li hadet parir sakemm gew il-pulizija u bidlet il-verzjoni taghha.

It-Tribunal ezamina x-xhieda li taw iz-zewg partijiet bir-reqqa u partikolarment ezamina r-Road Accident Report fejn hemm dettaljat il-hsarat tal-vetturi w anki r-ritratti esebiti u huwa sodisfatt illi fil-fatt il-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija ferm aktar verosimili minn dik moghtija mill-attrici Catherine Farrugia.

Mill-provi prodotti jirrizulta car illi l-hsara fil-vettura ta' l-attrici kienet tista' tghid mal-genb kollu fin-naha tax-xellug filwaqt li l-hsara tal-vettura tal-konvenuta tista' tghid li kienet fil-genb kollu u dan ifisser illi l-probabbilta' kbira hija li l-kollizjoni sehhet meta z-zewg vetturi hakkew ma' xulxin, wahda minnhom gejja minn wara u tkompli thokk mal-vettura l-ohra.

Ma jidhirx li huwa l-kaz, kif xehdet Catherine Farrugia, li din Catherine Farrugia qalghet daqqa minn wara li b'rizultat t'hekk giet imbuttata fuq is-*central strip*. It-Tribunal huwa sodisfatt illi mill-provi prodotti l-probabbilta' hija li l-kollizjoni sehhet kif spjegat Karen Pace fis-sens illi hija kienet qieghda ssuq fit-tielet lane, li l-vettura ta' l-attrici Catherine Farrugia giet minn warajha, hakket mal-genb kollu taghha u baqghet tiela' fuq is-*central strip*.

Huwa evidenti wkoll li Catherine Farrugia kienet ghaddejja b'aktar velocita' milli kienet ghaddejja l-konvenuta Pace. Issa waqt it-trattazzjoni tal-kawza ssemma' illi l-konvenuta ma kienetx fil-lane korretta, izda t-Tribunal jidhirlu illi fil-fatt il-konvenuta kienet fit-tielet lane u cjoe' fit-tieni lane tar-roundabout kif hija qalet a tempo vergine lis-surgent. Bil-fatt li kienet f'din il-lane, ma kienx ifisser li qieghda taghmel xi manuvra hazina. Mill-isketch esebit proprju mill-istess Catherine Farrugia jidher li fit-tielet lane wiehed ikollu ghazla li jew jibqa' sejjer ghad-dritt lejn il-Belt jew inkella jigbed lejn il-lemin biex idur mar-roundabout kif fil-fatt riedet taghmel il-konvenuta.

Mill-banda l-ohra jidher car illi jekk kien hemm xi hadd li kien qieghed go lane hazin, kienet proprju l-istess Catherine Farrugia li evidentement kienet f'lane aktar 'il barra mill-konvenuta tant illi hakket maghha u spiccat fuq is-*central strip* minghajr ma rnexxielha tigbed 'il gewwa lejn il-karreggjata lejn il-Belt.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet il-manuvra skonsiljata ta' Catherine Farrugia li sabet ruhha f'lane hazin, ippruvat tissurpassa l-vettura FAD 686 misjuqa mill-konvenuta li kienet ilha li ndikat li kienet behsiebha ddur mar-roundabout u ma rnexxilhiex tiskapulaha tant li spiccat thakkek maghha u baqghet tiela' fuq is-*central strip*. Galadarba jirrizulta illi l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet imputabbli ghall-attrici, dan iwassal ghall-konkuzjoni illi l-istess attrici hija unikament responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwentement it-talba ta' l-atturi kif dedotta ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------